# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni numru: 3054

Illum 27 ta' Frar, 2025

**Kaz Nru: 3819/ET**

**Fil-Kwistjoni tax Xoghol**

**Bejn**

**L-Avukat Dr Josephine Farrugia Mifsud**

**U**

**SMM Consultancy Services Ltd.**

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip Mgt.**

## Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avukati Dr Carlos Bugeja u Dr Alfred Abela fl-10 ta' Jannar, 2020 f'isem ir-rikorrenti li ddikjarat dawn il-punti principali.

Illi giet impjegata mas-socjeta' ntimata fuq bazi full-time fil-pozizzjoni ta Litigatin in Court b'kuntratt indefinit u kienet impjegata biezla u dejjem wettqet xogholha bl-akbar hila u dedikazzjoni.

Illi fit-30 ta' Settembru, 2019 ir-rikorrenti giet ittterminata mill-impjieg abbazi ta ragunijiet ghal kollox infondati u malizzjuzi liema ragunijiet gew indebitament uzati mis-socjeta' ntimata bhala skuza sabiex tittermina l-impjieg kif anke se jirrizulta bic-car waqt is-smieh tal-process u dan sabiex taghmel minn kollox biex tevita l-obligazzjonijiet taghha skont il-Ligi.

Illi t-terminazzjoni kienet wahda ngusta, illegali u bi ksur tal-Ligi apparti mehuda arbitrarjament minghajr approvazzjoni tad-Direttur l-iehor li kienet ir-rikorrenti stess.

Ir-rikorrenti kompliet tiddikjara li ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tipprocedi kontra l-istess socjeta ghat-tutela tad-drittijiet taghha. U illi stante c-cirkostanzi tal-posizzjoni taghha fis-socjeta u stante l-irwol li hija kellha mhux titlob sabiex tigi rimessa lura fl-impjieg izda qed titlob kumpens.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-impjieg gie terminat ingustament u tinghata kumpens xieraq skont il-Ligi u li jkun retroattiv.

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti pprezentat avvidavit datat 11 ta' Frar, 2020.

Minn naha taghha s-socjeta ntimata , permezz ta-l-Avukat Dr Joseph Sammut, iddikjarat dawn il-punti principali  b'risposta datata 12 ta' Frar, 2020. Is-socjeta ntimata bdiet tkun assista mill-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey u wara, sa l-ahhar tal-kaz, mill-Avukat Dr Christine Calleja.

Is-socjeta ntimata ddikjarat li r-rikorrenti kienet giet ingaggata mas-socjeta kummercjali SMM Consultancy Services Ltd nhar id-9 ta' Marzu, 2015 izda bdiet taghti s-servizzi taghha fi branka ohra tal-Group bl-isem SMM Advocates li kuwa distint minn SMM Consultancy Services Ltd. illi jopera

minn iversi ufficini cioe mill-belt Valletta, Zurrieq, Birzebbuga u Rahal Gdid u r-rikorrenti kienet giet fdata tmexxi dawn l-ufficji.

Illi circa Settembru 2018, bhala amministratur tal-group, Dr Sammut beda jinnota li d-dhul mil-ufficini li kienet tiehu hsieb ir-rikorrenti, f'sens monetarju, beda jmur lura tant li l-anqas l-ekwivalenti tal-paga taghha ma beda jigi registrat. Ukoll gie notat, mir-rendikont tal-Prokuratur Legali, li x-xoghol beda jonqos sew.

Illi diversi drabi ingibdet l-attenzjoni lir-rikorrenti li kienet tghid li x-xoghol miexi tajjeb u li ma kienx hemm ghalfejn li wiehed jinkwieta.

Dr Sammut beda jissuspetta hazin izda kompla jiddikjara li dak il-mument provi ma kellux.

Illi l-ewwel incident indikattiv ghas suspetti msemminja kien il-kaz ta certu Frans Attard li Dr Sammut kien dahal fih u li r-rikorrenti kienet dahlet f'parti biss dik tal-Appeals Planning Board. Kienet problema komplessa u Attard intalab kont ta tlet elef euro. Dawn il-flus qatt ma dahlu fil-kontijiet tas-socjeta u Dr Sammut kemm il-darba insista mar rikorrenti biex tghid lil klijent ihallas u wasal f-punt li qallha biex tieqaf tirraprezentah sakemm ihallas. Izda gie notat li r-rikorrenti xorta baghqet tirraprezentah u qalet lil Dr Sammut li l-klijent qed jghid li hallsha u fl-istess hin qalet li hi qatt ma herget ircevuta. Hi qalet li forsi setghet hargitha Valentina Zanghi li kienet segretarja imma li sa dak iz-zmien kienet telqet. Dr Sammut insista fuq din l-ircevuta izda qatt ma giet prodotta.

Illi F'Dicembru, 2018 klijent cempel lil Dr Sammut li ha jhallilu hamper fl-ufficju taz-Zurrieq. Meta mar jigbru r-rikorrenti qaltlu li hadd ma halla xejn.

Dr Sammut iddikjara li r-rikorrenti ma kienetx qed tkun lejali lejh u li kienet qedha tbghabas.

Illi r-rikorrenti dahlet f'relazzjoni ma David Pace li kien klijent u li dan li kien ikun dejjem maghha inkluz fl-ufficini u anke jaghmliha ta xufier u li eventwalment harget tqila minnu u li zammet kollox mistur.

Illi circa Marzu 2019 r-rikorrenti u Pace kisruha bil-kbir u anke dahlet il-pulizija. Dr Sammut kompla jiddikjara li kien baghat ghal Pace biex isib servizzi legali ohra biex jigi evitat kull inkwiet fl-ufficji.

Illi Pace kien talab laqgha ma Dr Sammut fejn qallu li r-rikorrenti in -kollaborazzjoni ma Valentina Zanghi fethet ufficju legali ndipendenti minn SMM Advocates gewwa 53/55 Triq i-t-Taghlim, l-Fgura. Irrizulta li kien minnu li r-rikorrenti kienet qed tuza dak l-ufficju u Dr Sammut kien se jibda jissorvelja izda gara li r-rikorrenti kellha komplikazzjonijiet tat-tqala u kienet indisposta. Gara imma illi sid il-post tal-Fgura talab il-kera lir-rikorrenti permezz ta messagg fuq ic-cellulari ta l-ufficju li qieghed esebit.

Dr Sammut kompla jiddikjara li din kienet prova cara li r-rikorrenti minghajr permess jew kunsens , sew bhala direttur ta SMM Consultancy Services Ltd jew bhala senior partner ta SMM Advocates, u cioe ta minn qed jimpjegha, dahlet f'kompetizzjoni diretta kontra l-istess organizzazzjoni u li kienet qed tuza l-ufficini tal-Group biex tiddivertja xoghol lejn l-ufficju taghha u dan bi pregudizzju ghal Group.

Dr Sammut kompla jiddikjara illi r-rikorrenti appropjat ruha minn flus li kienu jappartjenu lil SMM Group minghajr il-permess jew il-kunsens tal-Group. Dan ukoll ikkonfermah Pace u kkonferma s-suspetti li kellu Dr Sammut li hi kienet qedgha tiehu ghaliha nnifisha d-dhul kollu tal-ufficini tant li kienet tiftahar ma Pace li kellha 'pouch' u li filghodu jkun vojt u filghaxija ikun mimli flus kontanti.

Illi gara ukoll li meta r-rikorrenti harget bis-sick leave minhabba t-tqala kien jattendi fl-ufficji Dr Sammut. Dan mill l-ewwel induna id-differenza fid-dhul f'circa tlett mitt euro minn kull ufficju.

Illi gara ukoll li waqt li Dr Sammut kien fl-ufficju taz-Zurrieq gie Frans Attard li gie mistoqsi fuq il-bilanc tat-tlet telef euro. Hu qal li kien hallas lir-rikorrenti u li taghtu rcevuta li wara ntlab jipprezenta kif ghamel.

Dan kollu kien jikkolabora ma dak li qal David Pace u afferma s-suspetti li kellu Dr Sammut u li ma kienx hemm dubbju li r-rikorrenti kienet appropjat ruha minn flus propjeta tal-ufficini u tal-kumpanija.

Dr Sammut spjega li l-ircevuta fiskali ta Frans Attard li apparti li nharget ghal ammont aktar milli kien miftiehem, giet imbghabsa u oltre minn hekk il-mamma taghha giet imnehhija mill-ktieb tar-ricevuti u ghaldaqstant Dr Sammut kien ghadda kollox lil Pulizija Esekuttiva biex tinvestiga.

Dawn il-flus qatt ma dahlu fil-kontijiet tal-kumpanija.

Id-dikjarazzjoni tal-kaz irreferiet ghal kaz iehor ta misapprorazzjoni ta flus mir-rikorrenti appartenenti lil klijenti minghajr il-kunsens taghhom.

Illi David Pace allega ma Dr Sammut li r-rikorrenti kienet haditlu l-ammont ta circa hamsa u disghin elf euro.

Dr Sammut kien jaf illi David Pace kellu trasazzjoni ma Charles Polidano u kien jaf illi r-rikorrenti kienet qed tiehu hsieb David Pace u dan propju peress li Dr Sammut kien ghaddielha l-kaz u vera li hi kienet irveviet fondi ta David Pace.

Meta Dr Sammut kien ikkonfronta lir-rikorrenti hi ammettiet li rceviet fondi ghan nom ta David Pace minghand Charles Polidano izda cahdet li hadet xi flus u ddikjarat li hallset id-djun ta Pace fuq struzzjonijiet tieghu. Dr Sammut ikkonfronta lil Pace li talbu isaqsi lir-rikorrenti ghal ricevuti. Dr Sammut hekk ghamel. Ir-rikorrent ippromettiet izda qatt ma pproduciet ricevuti. Dr Sammut iddikjara li Pace se jkun qed jixhed.

Dr Sammut irrefera ukoll ghal kaz iehor meta r-rikorrenti gabet ruhha hazin fl-ufficini tal-Group billi abbuzat sesswalment minn klijent.

David Pace spjega lil Dr Sammut kif bdiet ir-relazzjoni ma r-rikorrenti dan meta kienet cemplitlu biex imur l-ufficju ta Birzebbuga bhala klijent. Din ordnatlu jibqa l-ahhar wiehed u sabiex jaghlaq il-bieb ta barra. Din harget minn wara d-desk, qaghdet fuq siequ u amministrat fuqu, hekk kif dikjarat, 'att korporali'. Pace qal lil Dr Sammut li ma kienx l-unika persuna li ghadda mit-tali esperjenza u li kien lest li jixhed bil-gurament fuq x'gara. Dr Sammut sahaq li tali imgieba fl-ufficini tieghu kienet inaccettabbli.

David Pace informa lil Dr Sammut ukoll ghal fatt li r-rikorrenti flimkien ma Valentina Zanghi li t-tnejn kienu fl-ufficju tar-rikorrenti l-Fgura appropjat minghajr permess informazzjoni fuq klijenti.

Illi wara t-tkeccija Dr Sammut gie nfurmat personalment minn klijenti li rcevew telefonati mir-rikorrenti li m'ghadiex parti mill Group u biex tkun hi li tibqa taqdihom.

David Pace kompla jinforma lil Dr Sammut li r-rikorrenti kienet appropjat ruhha minn cheque mahrug f'isimha bhala rapprezentant ta flus dovuti lil ex-bahhara tas-Super Yacht Indian Express.

Din il-kumpanija kella problem finanzjari u l-yacht kien imbieh b'irkant bil-flus depozitati l-Qorti.

Dawn il-flus kellhom jaddu lil bahhara u SMM Advocates giet inkarigata minn dan bir-responsabilita ta dan tkun ir-rikorrenti. L-ammont kien ta wiehed u ghoxrin elf euro izda dan ic-cheque qatt ma wasal fl-ufficju anke wara verifikazzjoni li hareg. Inqala dizgwid intern u gara li c-cheque kien

kancellat u hareg iehor. Skond Dr Sammut , Pace qallu li meta r-rikorrent irceviet ic-cheque originali qaltlu biex imur isarrfu fuq l-idejn u li irrifjuta. Pace kien qallu ukoll li lest li jghid dan taht gurament.

Dr Sammut kompla jiddikjara li f'dan il-punt ikkonsidra li l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx aktar tenibbli u wasal ghal konkluzjoni li r-rikorrenti ma setghax iktar jafdhala nternament u lanqas ma klijenti. Illi mhux talli kienet misappropjat flus ta l-ufficju izda nstigat il-kommissjoni ta reat meta hi, bhala Avukat, u aktar bhala ufficjal pubbliku, kellha d-dover u d-dmir li tali reat ma jsehhx.

Illi minhabba l-fatti msemmija u meta kien ghadda zmien tajjeb li r-rikorrenti u t-tarbija taghha setghu jiffaccjaw xi periklu, Dr Sammut bhala direttur ezekuttiv ta SMM Consultancy Services Ltd kif ukoll bhala Avukat anzjan fi hdan SMM Advocates ha d-decizjoni li fid dawl ta dak kollu li gara l-impjieg tar-rikorrenti kellu jigi tterminat b'effett immedjat u illi l-posizzjoni taghha ma kienetx aktar tenibbli u ghalehekk permezz ta ittra datata 21 ta' Settembru, 2019 ir-rikorrent giet infurmata li l-impjieg taghha kien qed jigi sospiz u gie moghti lilha cans biex tressaq l-oggezzjoni taghha izda ma kien hemm risposta.

Illi permezz ta ittra ohra bid data tal-25 ta' Settembru, 2019 l-impjieg tar-rikorrenti ma SMM Consultancy Services Ltd gie tterminat formalment.

## Provi

F'dawn il-proceduri xehdu xhieda migjuba miz-zewg partijiet kif ukoll gew esebiti diversi dokumenti.

## Kunsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkonsidra jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti ghal ragunijiet migjuba mis-socjeta' ntimata ta' imgieba mhux accettabbli fuq il-post tax-xoghol, misappropjazzjoni ta' flus ghad dannu tas-socjeta, prestazzjoni u nkompetenza u xoghol ghal rasha f'kompetizzjoni mas-socjeta' ntimata kienetx wahda gusta u ghal ragunijiet tajba u bizzejjed.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda, d-dokumenti esebiti, id-dikjarazzjonijiet tal-kaz, s-sottomissjinijieti u trattazzjonijiet finali u kkunsidra dawn il-punti ewlenin.

Ir-rikorrenti kienet giet impjegata mas-socjeta' ntimata fid-9 ta' Marzu. 2015 u giet itterminata fit-30 ta' Settembru, 2019 u dan skont l-employment history ufficjali ta Jobsplus. Hija kienet giet impjegata bhala Avukat 'Litigation in Court' u rrizulta li ma kienx sar kuntratt ta mpjieg. Aktar il-quddiem fl-impjieg giet mahtura direttrici mis-sid tas-socjeta' ntimata Dr. Joseph Sammut li fil bidu ta l-impjieg deher li kien javdha lir-rikorrenti u kien ghaddielha r-responsabilita li tiehu hsieb l-ufficini li kellu iz-Zurrieq, Birzebbuga u Rahal Gdid.

It-Tribunal jinnota li l-akkuzi tas-socjeta' ntimata fuq ir-rikorrenti huma ta natura gravissima. It-Tribunal jinnota ukoll li s-socjeta' ntimata kellha n-nuqqasijiet taghha ukoll partikolarment dawk amministrattivi.

Dr. Sammut, is-sid tas-socjeta' ntimata, ghal habta ta Settembru, 2018 beda jinnota dhul inqas mi-soltu mill-ufficini li kienet tiehu hsieb ir-rikorrenti. Kien tkellem mar-rikorrenti kemm il-darba u din kienet tghidlu li kollox sew apparti li ma kellu l-ebda prova ta dan. Dr Sammut beda jissuspetta hazin. Dawn is-suspetti, skont Dr. Sammut, gew konfermati meta kellmu klijent, certu Frans Attard li kaz gie referut fid-dikjarazzjoni ta' Sammut. Fil-qosor hlas ta' €3000 li qatt ma dahlu fil-kontijiet tas-socjeta'

meta rrizulta li Attard hareg cekk favur ir-rikorrenti li hargitlu ricevuta li qatt ma dahlet fil-kontijiet. Kaz ta' misappropjazzjoni ta flus is-socjeta' li bhalu gew riferuti aktar. Kien hemm il-kazijiet ta George Camilleri li xhed,  Alex Bezzina Wettinger, Joseph Sammut li xhed, Charlene Mifsud u David Pace fost ohrajn.

Gerorge Camilleri xhed illi r-rikorrenti kienet fethitlu kawza civili. Ma kienetx ittih importanza. Tidba l-kawza u titlaq ghal ohra. Taghha €2500 bil-quddiem. Ma taghtux riveuti ta' kollox u mhux fiskali. B'kollox hallasha €5800 minghjar konkluzjoni tal-kawza u tghidlu biex imur id-dar ghal ricveuti u gieli ltaqghu socjalment fil-prezenza ta' habiba tar-rikorrenti. Waqqafha u sab Avukat iehor.

Rigward Bezzina Wettinger, ir-rikorrenti qalet li kien talabha li l-€400 li kellu  ihallashom b'mod mensili. Dan gie michud minn Dr Sammut fix-xhieda tieghu u qal li Bezzina Wettinger kien mar ikellmu u qallu mhux talli €400 kien hallas imma €3000 u urieh dokumenti bil-firma tar-rikorrenti u la nharget invoice u la qatt saret xi nota. Dawn kienet gabrithom ir-rikorrenti minghajr ebda kunsens ta' hadd.

Joseph Sammut li kien klijent iehor xhed li mar ikellem lil Dr Sammut li qabbdu mar-rikorrenti. Qal li nefaq mat-30,000 elf euro f'sena ghal hafna kawzi mhux spjegabbli fost l-ohrajn kawza fuq it-trade mark li r-rikorrenti qaltlu li intrebhet imma ftit wara rcieva sekwestru ta' €40,000 u kien hemm kawza fil-Prim Awla li wara sentejn intilfet. Ir-rikorrenti kienet qaltlu li l-kont tela €30,000 u hallas b'kontanti. Wara beda jitlob spjegazzjonijiet li gew b'emails, skont hu, suspettuzi. Kellu anka kaz ta' skrivana li beda jahseb li qed tisirqu. Ir-rikorrenti qaltlu ha tqabbad nutara ghar-ricerki. Kien cempel li din in-nutara imma qas kienet taf b'xejn. Illum qed jinqeda b'avukat iehor.

Rachida Muscat, li ghal xi zmien hadmet bhala segretarja mas-socjeta' ntima ghamlet affidavit u xhedet. Meta r-rikorrenti ma baqghetx tirraporta ghax-xoghol minhabba li kienet l-isptar sostniet li hi u Dr. Sammut wettqu ricerki dwar pagamenti ta' klijenti, dan kien bejn Gunju u Settembru 2019, u skoprew li r-rikorrenti kienet qed tassocja bhala avukata ma hafna individwi li ma kienux irregistrati bhala klijenti ta' l-ufficju izda madanakollu kienet qed tidher ghalihom il-Qorti. Muscat issostni li meta kkomunikat ma dawn l-individwi kolllha qalulha li ghamlu pagamenti favur ir-rikorrenti. Irreferiet ukoll fejn klijenta ta l-ufficju, certa  Charlene Mifsud irceviet messagg biex tigi l-ufficju principali tas-socjeta' l-belt biex thallas. Kienet irrispondiet li kienet diga hallset lir-rikorrenti. Is-Socjeta' kienet irceviet messagg fuq il-mobile tar-rikorrenti li kien tal-kumpanija, 'kont hallastek u rcevejt reminder'. Fix-xhieda Muscat ipprezentat lista li kienet ippreparat meta ndunat b'dawn id-diskrepanzi, partikolarment li kien hemm numru ta klijenti li ma kellhomx invoices li kienu jippartjenu lilhom kif ukoll case file ghall-kaz taghhom.

David Pace, xhud principali, kien klijent tas-socjeta' ntimata li bdiet tiehu hsiebu r-rikorrenti. Dan eventwalment kellu ukoll relazzjoni intima mar-rikorrenti u jirrizulta li harget tqila minnu. Fuq Pace hemm dettalji fid-dikjarazzjoni ta' Dr. Sammut halli hall t-Tribunal ma joqodx jirrepeti.

Fix-xhieda tieghu Pace qal li r-rikorrenti kienet ittantatu meta mar biex jinqeda professjonalment fl-ufficju ta' Birzebbuga. Hallietu ghal l-ahhar, qaltlu biex isakkar il-bieb u wara saru atti ndecenti u skont hu dawn komplew drabi ohra. Iktar dettalji riservati. Din ir-relazzjoni damet xi hames xhur meta Pace kien dejjem jigri maghha anke fl-ufficji. Qaltlu qed tissepara izda minhabba t-tfal ghadha tghix mar-ragel.  Wara hames xhur gara li ma baqghux flimkien.

Pace xhed ukoll u kkonferma l-allegazzjoni ta Dr. Sammut fid-dikjarazzjoni tal-kaz li r-rikorrenti kienet taghtu cekk ta' €21,000 biex isarrfu fuq l-idejn li hu irrifjuta. Kien tal kaz riferut ta l-Indian Express.

Pace xhed ukoll li meta kien ikun maghha fl-ufficini kienet turieh 'pouch' vojt qabel tibda u l-istess 'pouch' mimli flus meta taghlaq u kienet tghidlu 'jien kemm irrid naqla flus, 'David afdani jien minix bzonn il-flus tieghek'.

Kompla li r-rikorrenti haditlu somma dovuta lilu fuq transazzjoni ma Charles Polidano u pprezenta tali dokumenti.

Fuq l-ufficju li Dr Sammut semma fid-dikjarazzjini li rrikorrenti kienet fethet fil-Fgura, Dr Sammut xhed le 'qatt ma setgha jaccetta dan meta kellu avukat fl-impjieg full-time bil-beneficcji kollha u fl-istess hin dan qed jidhol f'arrangamenti biex jopera ufficju ta' l-istess natura, l-istess tip, l-istess xoghol in competition mal-istess ufficju'.

Dr. Sammut irrefera ukoll fix-xhieda tieghu ghal email datata 28 ta' Dicembru, 2018 li ntbaghtet mill-email personali tar-rikorrenti lil certu nutar Melvin Polidano biex dan jipprepalalha kuntratt ghal impjieg taghha mac -Caqnu.

Dr. Sammut xhed ukoll li kien fetah proceduri mal-Pulizija Esekuttiva dwar misapproppjazzjoni ta' flus fuq il-kazi msemmija u ohrajn u illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istitutorja poggiet lir-rikorrenti taht akkuza. Dan kien irrizulta fit-12 ta' Marzu, 2020.

Fl-affidavit taghha ir-rikorrenti qalet li fit-12 ta' Lulju, 2019 qabditha amoregija fl-ufficju kawza tat-tqala meta kellha tlett xhur u nofs tqala u ttiehdet bl-ambulanza l-isptar. Minn dik id-data ma marritx lura ghax-xoghol. Kien cempillha Dr. Sammut biex jara jekk tkux tista tiehu sehem fuq programm fuq it-TV f'Novembru. Rigward maternity leave qallha li kienu se jitkellmu. Illi fit-21 ta' Settembru, 2019 giet sospiza u nataghat 48 siegha biex tirrispondi. Sostniet li l-48 siegha kienu jaghlqu fis-26 ta' Settembru u rceviet l-ittra ta' terminazzjoni fil-25 ta' Settembru u li Dr. Sammut kien imsiefer. Fix-xhieda tagha ir-rikorrenti kompliet tispjega fuq dawn il-punti u ziedet li Dr. Sammut kien iffahrha u kienet taghmel kollox kif jghid hu. Illi marret ghal rasha fit-28 ta' Ottubru, 2019 u gabet diversi xhieda li qalu li kienu kuntenti b'xogholha.

Fil-kontro-ezami cahdet li kellha xoghol ghal rasha. Cahdet li kienet izzomm pagamenti ghax Dr. Sammut kien johrog 'statement' kull xahar li tohrog il-prokotatur legali Nicolette Aquilina. Qalet ukoll li xorta izda ma kellha xejn x'jorbot li taghmel xoghol iehor ghax ma kienx hemm kuntratt u allura kienet libera li taghmel xoghol iehor ghal rasha li qalet li m'ghamlitx. 'Jien kont libera li naghmel xoghol ghal rasi, m'ghamiltux imma'.  U illi Dr. Sammut kien javdha. Qalet li Pace iffremjha u avukati ohra u vvinta affarijiet.

Dr. Calleja irreferiet ghal kaz ta' nkompetenza mir-rikorrenti fil-kaz ta' certa klijenta Katrina Bugeja meta r-rikorrenti assistietha fuq bord ta' dixxiplina meta fethitilha kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell meta kellha tmur Tribunal Industrijali u ukoll infethet fuq kumpanija hazina, apparti li kienu ghaddew l-erba xhur biex tmur Tribunal. Illi l-Qorti ta l-Appell kwazi ghajjret u semmiet traskuragni grossolana u qaltilha biex terga tirreappunta l-kawza umbghad ma marritx ghat-trattazzjoni. Kaz li beda qabel it-tkeccija. Ir-rikorrenti insistiet li hi kienet taghmel kollox kif jghidliha Dr. Sammut.

L-ahhar xhieda kienet ta' Dr. Sammut fejn principalment gie mistoqsi fuq l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti ghamlet fix-xhieda taghha.

Fuq xoghol ghal rasha Dr. Sammut sostna li dak li tohrog il-PL huma biss dawk l-atti li jigu pprezentati minnha li hu parti biss ta' dak li suppost jidher fil-kotba.

Fuq li setghet taghmel xoghol ghal rasha Dr. Sammut xhed li r-rikorrenti kienet impjegata full-time mal-ufficju tieghu. Illi kieku kien ikun hemm arrangamenti ufficjali f'dak is-sens u illi sa' lllum qatt ma halla lil xi avukati jaghmlu xoghol ghal rashom.

Fuq li Dr. Sammut fetah account f'ismu u f'isem ir-rikorrenti rigward il-Melita Power Diesel Dr. Sammut sostna li l-MPD kienet biss taghmel il-payroll tas-socjeta' ntimata u qatt ma nfethu accounts f-isimha. Kien biss taghha d-dritt li tiffirma mieghu jew fin-nuqqas tieghu u illi kollox waqaf meta bdew is-suspetti l-iktar meta kellmu David Pace. U l-kaz tac-cekk ta l-Indian Express fost l-ohrajn.

Fuq il-kaz ta Katrina Bugeja fej ir-rikorrenti qalet li dejjem imxiet ma dak li kien jghilha Dr. Sammut cahad kategorikament.

Dr. Sammut kompla jixhed li wara t-tkeccija kellu jipprezenta madwar ghaxar (10) rikorsi biex jitrangaw atti gudizzjarji pprezentati mir-rikorrenti. Illi sab traskuragni kbira avolja kien dejjem isaqsiha waqt ix-xoghol kif miexi u dejjem tghidlu 'miexi kollox tajjeb'.

Fuq li qalet li ma kienetx taf li hi direttur Dr. Sammut sostna li din gidba ohra.

Fis-sottomissjonijiet s-socjeta' ntimata sostniet li ma kelliex triq ohra ghajr tkeccija meta l-kazijiet relatati kienu gravissimi. Illi toffri servizz ghal rasha, hadet flus tas-socjeta' minghajr kunsens u misappropjat flus ta' klijenti minghajr kunsens, inkompetenza u negligenza, mgieba inacettabbli u aggixxiet b'nuqqas ta professjonalita u ntegrita. Dawn gew spjegati b'referenza ghal kazijiet specifici mnsemmija.

Is-socjeta' ntimata sahqet fuq il-ksur mir-rikorrenti tal-obbligu ta fedelta u l-obbligi fiducjarji fil-konfront tas-socjeta. Illi t-tkeccija ma kienitx biss fuq fiducja izda ukoll ghax gabet ruha b'mod zlejali u naqset mid-doveri taghhamhux biss bhala impjegata imma ukoll bhala direttur.

Fis-sottomissjonijiet taghha ir-rikorrenti qalet li Dr. Sammut qatt ma gibed l-attenzjoni fuq xi nuqqasijiet u illi n-nuqqasijiet tieghu gew mitfuha fuq ir-rikorrenti. Illi ma kienx hemm atteggjament ta' koperazzjoni minn Dr. Sammut meta harget tqila nkluz fuq il-benficcju tal-maternita u hlasijiet relatati nkluz ksur ta' artiklu 12 tal-Ligi sussidjarja 452.91. Ir-rikorrenti sostniet li l-procedura kif saret t-tkeccija hija inaccettabbli meta r-rikorrenti kienet rikoverata l-isptar nkluz id-dati tad-dokumentazzjoni relatata. Fuq ix-xhieda ta' Dr. Sammut ir-rikorrenti sahqet li hafna allegazzonjiet huma invertieri biex jiggustifika l-agir tieghu. Ir-rikorrenti kkonkludiet li t-tkeccija saret ghax inqabdet tqila xejn iktar u xejn inqas u hoqot fantasija shiha bl-allegazzjonijiet li holqot.

Fit-trattazzjonijiet finali, s-socjeta' ntimata nnotat li r-rikorrenti rreferiet ghal holqien mis-socjeta' ta' fantasija shiha fuq ir-rikorrenti meta wiehed iqis il-provi kollha tal-kaz u illi li s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma dikjrazzjoni ohra tal-kaz ghax huma 'statement' ohra  taghha ta' l-affarijiet kif graw skont hi biss. Illi ghandha kwistjoni li hemm il-Qorti ta' Gudikatura tal-Magistrati bhala Qorti nkwerenti li qalet li hemm bizzejjed evidenza biex jittiehdu passi kriminali. Illi hemm ix-xhieda principali ta' Sammut, Pace, Camilleri u Muscat fost ohrajn u illi dawn mhumiex fantasija. Ma dawn hemm il-kwistjoni fuq il-kompetenza dwar avukat marbuta b'etika u kompetenza u allura hemm tkeccija fuq inkompetenza fil-professjoni u ukoll kaz ta' allegazzjoniet serji dwar x'kien jigri bil-flus u l-klijenti l-ohra li ma kienux ta l-ufficju. Illi l-kaz ta Katrina Bugeja huwa kaz li jispikka dwar inkompetenza. Ir-rikorrenti qalet li s-sentenza saret wara t-tkeccija u li mhux relevanti. Izda s-socjeta' sahqet li relevanti hafna ghax il-fatti nghataw qabel. Illi hemm ukoll senseila ta' provi dokumentati fuq messaggi minn klijenti, invoices li ma hargux, messagg ta' sid l-ufficju tal-Fgura u ohrajn li zgur mhumiex fantasija. Is-socjeta' sostniet illi t-Tribunal irid jara li s-socjeta' kienitx ragonevoli biex waslet

ghat-tkeccija u tishaq li hekk kienet is-socjeta' fuq avukat li kisret l-etika professjonali, l-lejalta u s-serjeta'.

Minn naha taghha ir-rikorrenti ttrattat illi s-socjeta' ghamlet ghazla ta' tkeccija u umbghad naraw. Illi t-tkeccija saret fuq kompetenza u s-socjeta' semmiet is-sentenza tal-Qorti ta l-Appell ta l-Imhallef Mintoff u illi din kienet ghaxar (10) xhur wara t-tkeccija kif ukoll saru provi ohra. Illi ma naghatax zmien bizzejjed biex twiegeb ghat-tkeccija. Illi fuq xoghol ghal rasha ma kelliex kuntratt u kundizzjonijiet qatt ma naghataw. Illi tkecciet waqt li kienet l-isptar b'kumplikazzjonijiet. Illi l-kaz huwa wiehed ta' interpretazzjoni tal-fatti. Ir-rikorrenti kkonkludiet li s-socjeta' qabdet u kecciet u wara ppruvat issib r-ragunijiet.

## Decizjoni

Wara li ghamel il-kunsiderazzjionijiet necessarji kif gie spjegat dan it-Tribunal jagharaf nuqqasijiet u sitwazzjonijiet ta' natura gravi fil-konfront tar-rikorrenti. Jaghraf ukoll xi nuqqasijiet fi hdan is-socjeta' ntimata.

F'sommarju r-rikorrenti ghamlet atti ndecenti fl-ufficju ma klijent waqt ix-xoghol mas-socjeta' ntimata. Din l-akkuza giet korraborata minn xhiedha li ma gietx michuda u li lanqas giet konta-ezaminata. Fuq dan il-kaz wahdu it-Tribunal jaghraf gravita massima ta' mgieba, etika u professjonalita.

Fethet ufficju legali ndipendenti u distint minn dak tas-socjeta' ntimata waqt l-impjieg minghajr l-ebda approvazzjoni ta' min ihaddimha. Fuq dan qalet li ma kelliex kuntratt tax-xoghol li juri l-obbligi bil-miktub lejn is-socjeta' ntimata. It-Tribunal jagharaf li ma kienx hemm kuntratt u li mhux professjonali li ma jkunx hemm kuntratt. Izda t-Tribunal jagharaf ukoll li b'dan ma sarx ksur fil-Ligi ghax l-Ligi fuq haddiem jew impjegat tghid li dan normalment jahdem "under any contract(whether express or implied and, if express whether oral or written)". Fix-xhieda tar-rikorrenti qatt ma kien hemm cahda ta dan. Fuq dan il-kaz wahdu ukoll it-Tribunal ukoll jagharaf gravita ta' ksur ta' etika li jgorr mieghu l-impjieg, professjonalita u fiducja.

Fuq il-kazi ta' misappropjazzjoni ta' flus ghad-dannu tas-socjeta' ntimata t-Tribunal jerga jinnota nuqqas serju ta' ntegrita u professjonalita mir-rikorrenti li sostniet li dawn kienu kollha fantasija tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal izda, jagharaf, bilanc qawwi ta' probabilitajiet favur l-allegazzjonijiet , ix-xhieda u l-provi li gabet is-socjeta' ntimata.  Ix-xhieda ta' Rachida Muscat, fost ohrajn, kienet ferm relevanti. Dan li l-hinn milli qalet il-Qorti ta Gudikatura tal-Magistrati bhala Qorti nkwerenti.

Fuq inkompetenza u/jew negligenza ukoll dan It-Tribunal jinnota kazi ukoll ta' natura gravi fosthom dak ta' Kartina Bugeja li l-fatti graw waqt l-impjieg u mhux kif ippruvat targumenta r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti sostniet li t-tkeccija kienet minhabba t-tqala 'u xejn iktar' u qalet li s-socjeta' ntimata kisret il-Ligi sussidjaraja 452.91 Art.12, li ma kelliex cans twiegeb ghal l-ittra ta' sospensjoni u qalet ukoll li l-kazijiet imsemmija graw wara t-tkeccija.

It-Tribunal jinnota li t-tqala tar-rikorrenti ma kienetx wahda facli u li sfortunatament kellha tohrog bis-sick leave u tmur rikoverata l-isptar. It-Tribunal izda jinnota ukoll li kien f'dan iz-zmien pjuttost twil s-socjeta' ntimata kompliet tikkonferma s-suspetti u l-fatti li kellha u waslet biex tiddeciedi li l-posizzjoni tar-rikorrenti ma kienetx aktar tennibbli. Fuq il-leave tal-maternita is-socjeta' ma kienetx taghhat risposta cara u qaltilha nitkellmu. It-Tribunal jasal biex jifhem il-posizzjoni tas-socjeta' f'dan l-

istadju meta s-socjeta' ntimata kienet issa certa li bil-kazijiet skoperti kienet se tiddeciedi fuq termiazzjoni tal-impjieg.

Fuq l-allegat ksur tal-Ligi sussidjarja 452.91 Art. 12 (protection of maternity (employment) regulations artiklu 12 (2) jghid: the provision of subregulation (1) are without prejudice and shall not apply to cases falling under article 36 (4) and/or (14) of the Act. Ghal dan il-kaz japplika sub-artiklu 14 li jirreferi ghal tkeccija ghal raguni tajba u bizzejjed sakemm ir-raguni ma tkunx wahda mis-seba ragunijiet elenkati fosthom tqala jew maternity leave. It-Tribunal xtaq jiccara dan il-punt.

Fuq it-terminazzjoni, is-socjeta' ntimata baghtet ittra ta' sospensjoni datata 21 ta' Settembru, 2019 li kien is-Sibt u taghat tmienja u erbghin siegha biex ir-rikorrenti twiegeb. Fis-25 ta' Settembru, 2019 is-socjeta' ntimata baghatet l-ittra ta' terminazzzjoni ghax ma rcevietx risposta. Ir-risposta tar-rikorrenti kienet datata 26 ta' Settembru, 2019. Huwa veru li r-rikorrenti kienet rikoverata l-isptar izda t-Tribunal ma jara l-ebda ksur kif allegat u ma jidhirx li c-cans tar-rikorrenti biex twiegeb kien sa 26 ta' Settembru, 2019 kif sostniet ir-rikorrenti anke fit-trattazzjoni finali. Fuq procedura il-kazijiet fil-konfront tar-rikorrenti, li kienet Avukat u Direttrici, kienu gravissimi li jimmeritaw tkeccija immedjata.

Ir-rikorrenti sostniet li l-kazijiet principali li s-socjeta' ntimata semmiet graw wara t-tkeccija. It-Tribunal jagharaf li dan mhux minnu partikolarment il-kazijiet ta' mgieba ndecenti u ta' l-ufficju tal-Fgura u ohrajn. Anzi gew skoperti u konfermati kazijiet ohra wara t-tkeccija.

Is-socjeta' ntimata kellha nuqqasijiet l-aktar f'dak li huwa amminstattiv b'mod generali. Fuq dan it-Tribunal jinnota li s-socjeta' setghet anka tterminat b'mod immedjat qabel.

It-Tribunal qed jiddeciedi li r-rikorrenti kisret l-obbligu ta' fedelta u l-obbligi fiducjarji fil-konfront tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal fela il-kodici ta' etika u kondotta ta' l-avukati f'Malta partikolarment Chapter 1, rule 1- conduct of advocates.

It-Tribunal jagharaf li l-kazjiet ta' mgieba ndecenti fl-ufficju tas-socjeta' u li tiftah ufficju iehor privat ghal rasha waqt l-impjieg minghajr kunsens tas-socjeta' intimata huma wahedhom kazijiet gravissimi ta' tkeccija immedjata.

Il-kazijiet ta' misappropjazzjoni ta flus huma hafna b'xhieda konsistenti. Gew negati mir-rikorrenti imma t-Tribunal jagharaf bil-bosta il-bilanc ta' probabilitajiet favur is-socjeta' ntimata. Ma dawn hemm il-kazijiet ta traskuragni u/jew inkompetenza li t-Tribunal ukoll jagharf fuq l-istess ragunament. It-Tribunal ma nnontax provi sufficjenti u konkreti mir-rikorrenti biex tirribatti dawn.

Ir-rikorrenti kienet tokkupa posizzjoni ta' fiducja u kellha tagixxi fl-aqwa nteress tas-socjeta' ntimata li hinn mill interessi personali. Il-posizzjoni taghha mas-socjeta' ntimata u r-relazzjoni tal-impjieg ma kienetx aktar tennibli u Tribunal, bil-kazijiet gravissimi imsemmija, ma jarax ksur fuq prassi ta' procedura ta' terminazzjoni fic-cirkostanzi ta dan il-kaz.

Illi fid-decizjoni taghha is-socjeta' ntimata kienet ragonevoli li wasslet biex tittermina mpjegata fil-posizzjoni ta' avukat fejn il-professjonalita, l-etika il-lejalta u s-serjeta huma indispensabbli.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti mis-socjeta' ntimata kienet wahda gusta u ghal ragunijiet tajba u bizzejjed skont il-Ligi.

Ghal finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu stabbiliti fl-ammont ta euro 93.17.

B'hekk tintemm din -il-kwistjoni tax-xoghol.

Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.- Chairman